# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru (18) tmintax tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2014, fis-6.30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi-Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Maria Zammit marret il-laqgħa ta' informazzjoni organizzata mill-*Meusac,* l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-*European Union Programmes Agency* (EUPA) dwar il-programmi tal-Unjoni Ewropeja, fejn fiha kienu mistiedna l-Ambaxxaturi Vot 16 u Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ.

2. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija u sarulhom emendi li kienu mibgħutin lis-SE peremzz ta' e-mail minn Grace Marie Mallia u Charlene Zammit.

4. Is-Sindku ittratta item 3 tal-agenda fil-punti mill-minuti fejn kienu diskussi l-attivitajiet kulturali tal-karnival u l-Ġimgħa l-Kbira.

5. Dwar il-*party* tal-karnival, dan issa se jkun issa organizzat fit-2 ta' Marzu fl-10.00am, minflok fl-1 ta' Marzu, u se nitolbu l-użu tal-faċilitajiet tas-sala u l-palk tal-iskola lill-Kap tal-Iskola. Hawn kien hemm suġġeriment illi jkunu mistiedna wkoll il-ġenituri mat-tfal filwaqt li se nagħtuhom maskra, perlini u xi biċċa prinjolata.

6. Għall-Karnival taż-Żfin li se jkun organizzat fit-3 ta' Marzu, hu maħsub sabiex tingħalaq biċċa ta' 40' x 50' bil-barikati f'Misraħ il-Fidwa u jintalbu wkoll il-permessi u l-barikati lill-Kummissarju tal-Pulizija. Se jingħataw ukoll permessi tal-posti tal-kabbani lill-każini u lis-sidien tal-kabbani.

7. Charlene Zammit talbet li wkoll ikun mistieden is-Sur Kevin Caruana li joqgħod fi Triq Ħal Kirkop biex iwaqqaf il-kabbana tiegħu fis-sit fuq imsemmi. Is-Sindku ta dettalji ta' seba' kumpaniji taż-żfin li se jagħtu kontribut fil-Karnival taż-Żfin, filwaqt li talab lis-SE sabiex jaqla' l-gwardjani lokali li hemm bżonn biex iżommu l-*buon ordni.* Hu qal li l-*compare* għal din is-serata se tkun Ms Zvetlana Muscat, filwaqt li l-kumpanija *Nexos Street Lighting* se ddendel erba' rifletturi biex idawwlu sew is-sit.

8. Sid il-kumpanija assenjata mid-dramm tal-passjoni fit-toroq ewlenin tal-Imqabba skedata għal nhar id-9 ta' April, jew aħjar il-*producer,* ġie apposta biex ikellem lis-Sindku dwar id-dramm *L-Imsallab fi Triqatna.* Nicholas Briffa qal li l-*posters* ta' promozzjoni, se jagħmilhom hu bħalma għamel dak tal-karnival taż-żfin. Hu qal li għandu f'moħħu li jmur jara din il-kumpanija f'Għawdex fejn se żżomm l-istess avveniment fi triqat il-Belt *Victoria* filwaqt li ta *site plan* lill-kunsillieri fejn fiha jidhru fejn se jinżammu l-avvenimenti prinċipali tad-dramm fl-Imqabba.

9. Il-laqgħa pubblika tal-lokalita' se ssir nhar it-13 ta' Marzu fis-6:30pm fl-Isptar il-Qadim, bi preparazzjoni għall-Estimi Finanzjarji li t-tieni *draft* tagħhom kienu f'idejn il-kunsillieri, wara li bagħthomlhom is-SE permezz ta' e-mail. Is-Sindku qal li se jsir *power point show* bl-

avvenimenti li ġraw din is-sena biex jintwera' waqt il-laqgħa pubblika. Intant, kien hemm suġġeriment biex il-vot tal-pagi jogħla biex jirrifletti ż-żidiet tal-għoli tal-ħajja.

10. Dwar l-ikla tal-kunsill, is-Sindku qal li kien hemm 15-il ruħ li għalihom inħolqot *accrual* ta' €440 għall-voluntiera li ħadu sehem fl-attivita' kulturali "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien 2013.

11. Kienet approvata iċ-ċedola tal-pagamenti 476.

12. F'punti oħra kien diskuss l-għażla ta' madum għal paviment ta' Misraħ il-Fidwa kif provduti mill-kuntrattur tagħna Elle's Ltd. Hawn is-Sindku qal li rridu ninsistu fuq il-qlugħ tas-siġar li jridu jagħmlu l-wisgħa għall-*play area* f'dan il-misraħ wara *site inspection* mill-Perit William Lewis, Elle's Ltd u Nexos Street Lighting. Infatti id-dwal se jkunu b'sistemi ta' LED's kif immarkati fuq il-pjanti prodotti tal-Perit tal-Kunsill, filwaqt li l-bankina ta' barra wkoll ġejja bil-madum bħal passaġġi tal-ġnien. Għaldaqstant intgħażlu l-madum il-griż tas-siment li ġej ukoll imżewwaq bl-aħmar.

13. Is-Sindku ta *deadline* tas-sottomissjonijiet tal-artiklu tal-fuljett li jmiss u dak il-ħin stess is-SE bagħat *calendar notification* lill-kunsillieri kollha.

14. Is-Sindku qal li se jiltaqgħu is-sindki tar-reġjun sabiex jitkellmu dwar materji ta' mportanza reġjonali speċjalment fejn jidħlu l-*connection roads.* Madankollu s-Sindku ma kienx tal-parir illi noħorġu konġuntalment l-offerta tad-dwal tat-toroq ma' kunsilli oħra kif konna fil-passat.

15. Grace Marie Mallia ikkummentat dwar ir-rotot tal-linja l-ġodda. Hi qalet li dik bin-numru 74 mhux se tgħaddi minn quddiem l-Isptar San Vincenz de Paule kull nofs siegħa, iżda kull siegħa. Kienu wkoll diskussi ir-rotot 117 u t-218 li din se tkun tmiss biss mal-konfini tal-Imqabba, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

16. Grace Marie Mallia qalet li fl-attivita' soċjali għall-familja kollha li se jorganizza l-Kunsill Lokali tal-Imqabba nhar is-26 ta' Marzu, se jkun hemm il-FunTrain tistenna 'l dawk li se jiġu magħna fil-lokalita' ta' Buġibba. Hija qalet li l-attivita' tikkonsisti *f'coffee morning u bingo fl-Angelo's Restaurant* u l-ewwel 56 li se jinkitbu kontra l-ħlas ta' €10, se jassiguraw ruħhom.

17. Charlene Zammit talbet li ssir *Egg Hunt* fl-Imqabba filwaqt li għall-proposta l-oħra tagħha ta' *Water Fight* għaż-żgħażagħ, is-Sindku issuġġerixxa li tinżamm fil-*football ground.* Din se ssir nhar l-1 ta' Marzu bejn l-10.30am u l-11.30am u Paul Spiteri se jkun qed jassisti fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita'.

18. Dwar ħarġa fi Sqallija l-Kunsill Lokali tal-Imqabba se jkun qed iġib stimi minn għand aġenziji tal-ivvjaġġar fosthom minn għand Micallef Travel Co Ltd, biex jagħżel l-aħjar offerta biex ikun jista' jieħu grupp f-*Ibla, Raguza.*

19. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u dik li jmiss se ssir bħal llum tliet ġimgħat oħra fis-6.00pm fl-istess ħin filwaqt li s-Sindku qal li bi qbil mal-kunsillieri se jibda' jżomm il-laqgħat tal-Kunsill kull tliet ġimgħat.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*18/02/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |